MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Numru 346/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Mercieca)**
**(Sp. Alex Grech)**

**vs**

**Lynn Marie Mc Cormick ta' 22 sena**
**bint Hilary Mc Cormick u Maria Rosaria**
**nee Debattista, imwieled Pieta' fis-27/07/1982,**
**u li toqghod Karif, Flat 9, Triq Giuseppe Despott,**
**Qawra, detentrici ta' karta tal-identita'**
**bin-numru 418482 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Lynn Marie Mc Cormick li giet akkuzata talli f'dawn l-ahhar xhur, qabel l-1 ta' April, 2005 minn gewwa ufficju tan-National

Immunisation Service, formanti parti mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana f'Telghet il-Kurcifiss, Floriana b'diversi atti maghmulin minnha, wkoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat taghha, ghamlet uzu hazin minn flejjes tal-Gvern, karta ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilha minhabba l-kariga jew impieg taghha, jew xort'ohra serqithom (Art 127 tal-Kapitlu 9).
2. ikkommettiet serq ta' flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-persuna ai termini tal-Artikolu 268 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u bil-lok ai termini tal-artikolu 269 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li hija rregistrat ammissjoni fi stadju ta' interrogatorju.

Rat ukoll li ppersistiet fuq l-istess ammissjoni u dan wara li l-Qorti spjegat lill-akkuzata l-konsegwenzi ta' l-istess ammissjoni.

Rat l-istqarrijiet esebiti mill-Ufficjal Prosekutur.

Rat ukoll li l-ammont pretiz fl-akkuzi gie mhallas.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 127 tal-Kapitlu 9 issibha hatja ta' l-istess b'dan illi t-tieni reat hu wiehed alternattiv ghall-ewwel akkuza u ghalhekk liberata mit-tieni reat.

Dwar il-piena rat il-fedina penali ta' l-akkuzata li hija ghal kollox netta, ikkonsidrat li l-hlas gie effettwat, kkonsidrat illi r-reat sar minn ufficjal pubbliku ghalhekk aktar gravi fil-portata tieghu, tqis pero' li l-akkuzata m'ghandhiex tbati piena karcerarja effettiva, ghaldaqstant rat l-artikolu 28 A tal-Kapitlu 9 u tikkundannaha ghal sena habs sospiza ghal sentejn u tordna li Lynn Marie Mc Cormick tigi nterdetta b'mod generali perpetwu u dan anke wara li rat l-artikolu 10 tal-Kapitlu 9.

Tordna wkoll ai terminu ta’ l-istess artikolu 10 illi din is-sentenza jew dik il-parti taghha li fiha hemm il-kundanna ta’ l-interdizzjoni generali perpetwa tigi ppublikata fil-gazzetta tal-Gvern.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------